



22.4.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0589/2009, imressqa minn Jean-Philippe Ducart, ta' nazzjonalità Belġjana, f'isem it-Test Achats asbl, li għandha firma waħda, dwar il-ksur tad-dritt għall-protezzjoni ta' proprjetà privata tal-azzjonisti ta' FORTIS Bank

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanti ressqu l-każ li l-gvern Belġjan kiser id-dritt għall-protezzjoni ta' proprjetà privata fil-każ tax-xiri tal-assi ta' FORTIS Holding u sussegwentement il-bejgħ tal-ishma tiegħu lil BNP Paribas. Huma jsostnu li fiż-żewġ każi – ix-xiri mill-gvern Belġjan tal-assi, il-bejgħ tal-istess assi lil BNP Paribas - l-assi tal-bank kienu sottovalutati u li l-gvern aġixxa bil-forza, mingħajr konsultazzjoni jew ftehim mil-laqqgħa tal-azzjonisti. F'laqqgħa tal-azzjonisti fit-28 ta' April 2008 ġie finalment miftiehem il-bejgħ ta' FORTIS Bank.

Test Achats asbl targumenta li d-dritt ta' sjieda tal-azzjonisti ta' FORTIS għall-proprjetà privata kien irriversibilment miksura mill-azzjoni tal-gvern Belġjan peress li l-maġġoranza tal-assi tal-kumpanija li huma għandhom ishma fiha ġew mibjugħa b'valur aktar baxx minn dak attwali sabiex jipprekludu aktar kwalunkwe apprezzament ta' ishma.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-9 ta' Settembru 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fis-26 ta' Ottubru 2009.

B'mod ċar il-petizzjonant joġġezzjona għall-bejgħ tal-assi ta' Fortis u għall-proċess li wassal għal dan, fatt li huwa ta' tħassib nazzjonali.

Il-Kummissjoni tabilħaqq eżaminat ix-xiri tal-assi ta' Fortis mill-Istati Belġjani u Olandiżi li seħħ bejn it-28 ta' Settembru 2008 u l-5 ta' Ottubru 2008, peress li xiri bħal dan jista' jinkludi element ta' għajjnuna mill-Istat għall-bejgiegħ, b'mod partikolari jekk l-Istat iħallas prezz tax-xiri li jaqbeż dak li investitur iħallas normalment għall-assi kkonċernati f'ċirkostanzi simili. Leġislazzjoni rilevanti, b'mod partikolari l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE u r-Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, tobbliga lill-Kummissjoni biex tinvestiga għajjnuna bħal din sew jekk hija notifikata jew mhix. Il-miżuri fir-riskju ġew notifikati mill-awtoritajiet Belġjani u Olandiżi.

Il-Kummissjoni ddeċidiet dwar dawn il-miżuri tal-Istat permezz tad-deċizzjoni tat-3 ta' Diċembru 2008 u dik tat-12 ta' Mejju 2009¹. B'mod partikolari, il-Kummissjoni stabbilixxiet, fid-deċizzjoni tat-3 ta' Diċembru 2008, li l-prezz imħallas mill-awtoritajiet Belġjani biex jixtru d-49.9% tal-Fortis Bank S.A. fit-28 ta' Settembru kien oġhla, b'mod sinifikanti, mill-prezz propost mix-xerrejja potenzjali fl-istess data. Għal din ir-raġuni l-injezzjoni ta' kapital preskritta mill-awtoritajiet Belġjani rrappreżentat għajjnuna bbażata fuq l-Artikolu 87 (1) tat-Trattat KE. Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li t-termini tax-xiri ta' Fortis Bank Nederland fit-3 ta' Ottubru 2008 u tat-tieni nofs tal-kapital ta' Fortis Bank S.A fil-5 ta' Ottubru 2008 ukoll ikkostitwixxew għajjnuna mill-Istat lill-bejgiegħ. Madankollu, il-Kummissjoni fid-deċizzjoni msemmija hawn fuq qieset li Fortis Bank kien l-akbar bank ta' depożitu fis-suq Belġjan. Konsegwentement, il-falliment ta' tali istituzzjoni finanzjarja seta' kkawża instabilità serja fl-ekonomija Belġjana, speċjalment fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajjnuniet mill-Istat mogħtija mill-awtoritajiet Belġjani u Olandiżi kienu kompatibbli mar-regoli tal-għajjnuna mill-Istat.

Id-deċizzjoni tat-3 ta' Diċembru 2008 ma ġietx appellata fix-xahrejn wara l-pubblikazzjoni tagħha, li hija l-iskadenza stipulata fl-Artikolu 230 tat-Trattat KE.

Konkluzonijiet

L-opinjoni tal-Kummissjoni dwar dan il-każ, għal dak li jirrigwarda l-liġi tal-Komunità, hija definittiva u magħluqa. Hija ma taqbilx mal-fehma tal-petizzjonant li l-assi ta' Fortis inbiegħu bi prezz baxx.

4. Risposta kumplimentari tal-Kummissjoni, li waslet fit-22 ta' April 2010.

Flimkien mal-kummenti tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni eżaminat ix-xiri ta' Fortis Bank mill-Istat Belġjan, liema xiri seħħ f'żewġ stadji: (i) l-injezzjoni kapitali tat-28 ta' Settembru 2008 li tat lill-Istat sehem ta' 49.9% fil-bank, u (ii) ix-xiri tal-50.1% li kien fadal minn Fortis holding fil-5 ta' Ottubru 2008. Il-Kummissjoni evalwat dawn iż-żewġ trażazzjonijiet peress li xiri bħal dan jista' jinkludi element ta' għajjnuna mill-Istat għall-bejgiegħ, b'mod partikolari jekk l-Istat iħallas prezz tax-xiri li jaqbeż dak li investitur iħallas normalment għall-assi kkonċernati f'ċirkostanzi simili. Leġislazzjoni rilevanti, b'mod partikolari l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE u r-Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, tobbliga lill-Kummissjoni biex tinvestiga għajjnuna bħal din sew jekk hija notifikata jew mhix. Il-

¹ Id-deċizzjonijiet kif ippublikati jistgħu jinsabu fil-links li ġejjin:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/comp-2009/n255-09.pdf

http://ec.europa.eu/competition/state_aid/register/ii/doc/NN-42-2008-WLWL-fr-03.12.2008.pdf

miżuri fir-riskju ġew notifikati mill-awtoritajiet Belġjani. Il-Kummissjoni ddeċidiet dwar dawn il-miżuri tal-Istat permezz tad-deċiżjoni tat-3 ta' Diċembru 2008 u dik tat-12 ta' Mejju 2009¹. B'mod partikolari, il-Kummissjoni stabbilixxiet, f'punt 35 tad-deċiżjoni tat-3 ta' Diċembru 2008, li l-prezz imħallas mill-awtoritajiet Belġjani biex jixtru d-49.9% ta' Fortis Bank S.A. (permezz ta' żieda kapitali) fit-28 ta' Settembru kien oġhla, b'mod sinifikanti, mill-prezz propost mill-istituzzjonijiet finanzjarji l-oħra kollha fl-istess żmien. Għal din ir-raġuni, fil-paragrafu 38 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-injezzjoni ta' kapital preskritta mill-awtoritajiet Belġjani rrappreżentat għajjnuna bbażata fuq l-Artikolu 107 (1) tat-TFUE. Fir-rigward tal-akkwist mill-Istat tal-50.1% li kien fadal mill-kapital ta' Fortis Bank fil-5 ta' Ottubru 2008, il-Kummissjoni kkonkludiet f'punt 66 tad-deċiżjoni tat-3 ta' Diċembru 2008 li dan ukoll ikkostitwixxa għajjnuna. Fir-rigward tal-bejgħ ta' 75% tal-kapital ta' Fortis Bank lill-BNP Paribas fil-5 ta' Ottubru, il-Kummissjoni osservat, f'punt 59 tal-istess deċiżjoni, li fost il-bosta investituri li ġew kuntattjati fil-jiem preċedenti, il-BNP Paribas kien l-uniku investitur li kien għadu qed juri interess effettiv fil-kisba ta' ishma ta' kontroll f'Fortis Bank f'dak iż-żmien, u li l-prezz imħallas mill-BNP Paribas kien il-prezz tas-suq f'dik id-data.

Dan kollu juri li l-Kummissjoni diġà eżaminat bir-reqqa t-tranżazzjonijiet fir-riskju u saret taf li Fortis holding - u għalhekk il-partijiet interessati ta' Fortis holding - ma rċievewx prezz aktar baxx minn dak tas-suq. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-intervent tal-Belġju ppermetta lil Fortis holding u lill-partijiet interessati tiegħu biex jiksbu, għall-bejgħ ta' Fortis Bank, prezz oġhla minn dak tas-suq. Dawn il-konklużjonijiet ma jaqblux mal-istqarrija tal-petizzjonanti li f'dan il-każ il-protezzjoni tal-proprjetà privata ma tharsitx.

Konklużjonijiet

Il-fehma tal-Kummissjoni dwar dan il-każ, sa fejn għandha x'taqsam il-liġi Komunitarja, hija definitiva u magħluqa. Din ma tikkonformax mal-fehma tal-petizzjonant li l-assi ta' Fortis inbiegħu bi prezz baxx.

¹ Dawk id-deċiżjonijiet ġew ippubblikati fil-ĠU C 80, 3.04.2009, p. 7 u fil-ĠU C 178, 31.07.2009, p. 2.